## 23 ta' Ġunju, 1994

## Imħallef:-

## Onor. Godwin Muscat Azzopardi B.A., LL.D.

Leo Brincat

*versus*

Mario Schiavone bħala Editur u Paul Spiteri bħala Stampatur ta' "In-Nazzjon Tagħna"

## Libertà ta' l-Espressjoni - Arena Politika

*Id-dritt ta' l-espressjoni jrid jiġi ttollerat fi grad ħafna aktar mis-soltu u min-normal f'każi li għandhom konnesjoni ma' l-arena politika.*

*Iżda fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ma jistax jingħad illi l-gazzetta kellha l-jedd tal-libertà ta' l-espressjoni li hi eżerċitat bil-mod kif jidhrilha, billi jidher illi l-attur ma kellu assolutament xejn x'jaqsam mal-vertenza li dwarha mbagħad ittrattat il-gazzetta.*

*Referenzi siewja għal sentenzi li jittrattaw il-libertà ta' l-espressjoni vis a vis l-politika u t-trade unions.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fis-7 ta' Mejju, 1993, li bih l-attur - premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi permezz ta' l-istampa, u ċjoè fil-ħarġa tal-ġurnal "In-Nazzjon Tagħna" tal-21 ta' April, 1993, fil-paġna 1 (Dok.

"A'', a fol. 4 tal-proċess) il-konvenuti, bħala editur u stampatur addebitaw fatti inkriminanti u li jesponu lill-attur għad-dispress tal-pubbliku u dan bi stampat, li hu libelluż, u inġurjuż, u infondat;

Premess li l-attur għandu dritt jaġixxi għall-ħarsien tar-reputazzjoni tiegħu, u konsegwentement għar-risarċiment tad-danni minnu sofferti minħabba l-malafama mogħtija skond il-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara li *caption* u l-kliem miktub fil-konfront ta' l-attur, fl-ewwel paġna tal-ġurnal "In-Nazzjon Tagħna'', tal-21 ta' April, 1993, jikkostitwixxi malafama u inġurja kif previst fil-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur dik is-somma li tiġi ffissata skond l-Art. 28 tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fit-12 ta' Novembru, 1993, li biha eċċepew:

1. Illi l-attur mhux identifikabbli;

2. Illi l-istampat *de quo* ma fih xejn inġurjuż;

3. Salve eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti esibiti;

Semgħet il-provi;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-libell twieled minn pubblikazzjoni li saret fil-gazzetta "In-Nazzjoni Tagħna" fejn fl-ewwel faċċata hemm ritratt ta' Totò Riina u '*caption*' "Leo Brincat mitlub jgħin fl-istħarriġ dwar il-Mafja", b'riferenza illi f'paġna 28, wieħed jifhem hemm aktar dettalji dwar l-istess;

Fil-faċċata 28 ta' l-istess imbagħad, taħt l-intestatura "Deputat Soċjalista mitlub jikkollabora mal-Pulizija dwar allegazzjonijiet konnessi mal-Mafja f'Malta, hemm artikolu maqsum fuq żewġ kolonni li fil-bidu tiegħu jgħid illi l-Ministru Louis Galea stieden lid-Deputat Soċjalista Charles Mangion biex jaqsam mal-Gvern id-dawl u t-tagħrif li jista' għandu dwar allegazzjonijiet rigward relazzjonijiet li l-Kap tal-Mafja Totò Riina kellu ma' Malta u b'mod partikolari xi tagħrif li jista' għandu dwar proprjetà mixtrija f'Malta u konnessjonijiet ma' persuni Maltin;

Il-Qorti semgħet ix-xhieda relattivament għall-istess;

Ikkunsidrat:

Illi m'huwiex il-każ hawnhekk li l-Qorti toqgħod tidħol fid-dettal dwar it-teorija in materja li kemm-il darba l-Qorti kellha okkazzjoni li titkellem dwarhom. Il-liġi ta' l-Istampa hija dik li hi, u l-ġurisprudenza li għandna Malta sa llum hija dik li hi. M'hemm

l-ebda dubbju illi f'moħħ il-qarrej ordinarju li ra l-ewwel faċċata tal-gazzetta "In-Nazzjon Tagħna" l-uniku Leo Brincat illi seta' ġieh f'moħħu ma kienx xi Leo Brincat li qatt ħadd ma sema' bih, imma l-Onorevoli Leo Brincat illi huwa Membru Parlamentari, l-attur f'din il-kawża;

Ikun inutili u f'ċertu sens insolenti għall-intelliġenza ta' kull min hu nvolut fil-proċess ġudizzjarju illi wieħed joqgħod jagħmel indaġini jekk setax kien hawn xi Leo Brincat ieħor f'Malta li seta' l-qarrej ordinarju jifhem li r-riferenza saret għalih;

Għalhekk il-Qorti ma tarax illi hu l-każ li takkolji l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut fis-sens illi l-attur mhux identifikabbli;

Kwantu għat-tieni eċċezzjoni, ċjoè dik illi l-istampat *de quo* ma fih xejn inġurjuż, hawnhekk il-kawża tippreżenta fatturi ta' importanza differenti. L-aħħar pronunzjament tal-Qorti ta' l-Appell tagħna in materja huwa dak espress fil-kawża fl-ismijiet "Anġlu Fenech personalment u għan-nom u in rappreżentanza tal-General Workers Union vs. Carmelo Callus u Paul Spiteri rispettivament editur u stampatur tal-ġurnal 'Il-Mument' ", deċiża fl-4 ta' Frar, 1994. F'din il-kawża ġie ezaminat id-dritt ta' espressjoni f'soċjetà demokratika b'riferenza partikolari għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja, wara li ġie speċifikat illi l-qrati tagħna ma jgawdux posizzjoni ta' pre-eminenza ġerarkika fid-deċiżjonijiet tagħhom u għalhekk ġie studjat jekk għandhiex issegwi fil-ġurisprudenza tagħha dik tal-Qorti Ewropeja u jekk le tagħti r-raġunijiet għaliex se tiddipartixxi minnha;

Saret ukoll id-distinzjoni bejn id-dinja politika f'din il-materja u l-bqija għal dak li jinteressa d-drittijiet ta' espressjoni permezz ta' l-istampa li kemm-il darba daħlu fihom il-Qrati tagħna, fosthom fil-kawżi deċiżi mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili,

dik tat-2 ta' Novembru, 1989, F. Coleiro vs. M. Schiavone et; tat-8 ta' Jannar, 1990, Dr. K. Wain vs. F. Agius et; u tal-11 ta' Jannar, 1990, Onorevoli M. Borda vs. Onorevoli S. Sant. Ma' din id-dinja politika, ġiet ukoll assimilata d-dinja sindakalista, speċjalment f'dawk il-każijiet fejn it-Trade Union tidħol *tout court* fil-lotta politika - 12 ta' Jannar, 1990. K. Abela vs. F. Agius et - tliet sentenzi fl-istess ismijiet - ċitazzjonijiet numri 708, 709 u 710 ippronunzjati fl-istess data;

Il-Qorti wara waslet għall-konklużjoni illi fil-każ ta' konnessjoni ma' l-arena politika, id-dritt ta' l-espressjoni jrid jiġi ttollerat fi grad aktar mis-solitu u min-normal;

Issa f'dan il-każ partikolari, il-Qorti tara differenza bejn il-fatti li ġew eżaminati mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza ta' l-4 ta' Frar, 1994, u l-fatti fil-kawża li għandha quddiemha din il-Qorti. Fil-waqt illi din il-Qorti taqbel interament ma' dak illi qalet il-Qorti ta' l-Appell fir-rigward tal-libertà ta' l-espressjoni fit-termini hemmhekk ben preċiżati, tara differenza fil-każ in eżami, fis-sens illi f'dan il-każ ma sarux allegazzjonijiet relattivament għall-attur li jista' b'mod jingħad li jikkostitwixxu xi kumment leġittimu jew b'xi konklużjoni neċessarjament jew possibilment miġbuda mill-editur tal-gazzetta;

F'dan il-każ partikolari dak illi ra l-qarrej, fl-ewwel faċċata tal-gazzetta, kien proprju isem ta' persuna attiva fil-politika akkoppjat ma' persuna ta' ċertu notorjetà, almenu allegatament sa dan l-istadju, li kien fuq quddiem nett ta' l-aħbarijiet f'dak il-perijodu;

Dina l-Qorti m'għandha l-ebda dubbju illi l-għan tal-gazzetta meta ppublikat ir-ritratt u l-intestatura ta' ħdejh kien proprju illi

qarrej jieħu impressjoni, *a colpo d'occhio,* li immedjatament isegwiha billi jaqra l-artikolu relattiv a fol. 28 ta' l-istess gazzetta;

Dina l-Qorti ma teskludix illi minflok l-isem tan-Nutar Charles Mangion, il-persuna msemmija mbagħad a fol. 28 ġie mitbugħ bi żball l-isem ta' l-attur. Però dan ma jbiddel xejn mill-kwistjoni, anzi *se mai* jirrendi l-posizzjoni ta' l-attur aktar delikata;

F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk, ma jistax jingħad illi l-gazzetta kellha l-jedd tal-libertà ta' l-espressjoni li hi eżerċitat bil-mod kif jidhrilha, billi jidher illi l-attur ma kellu assolutament xejn x'jaqsam mal-vertenza li dwarha mbagħad ittrattat il-gazzetta;

Il-Qorti għalhekk issib illi jeżistu l-elementi rikjesti mil-liġi li jintitolaw lill-attur li t-talba tiegħu tiġi akkolta;

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-*quantum* li għandu dritt għalih l-attur f'dawn iċ-ċirkostanzi. Minn eżami fil-komplessità tal-fatturi, il-Qorti tara illi huwa pjuttost indikat illi l-ammont ta' danni jkun wieħed simboliku;

Il-Qorti għalhekk tilqa' t-talbiet ta' l-attur u a tenur ta' l-artikolu 28 tal-Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur l-ammont ta' Lm200.

Spejjeż għall-konvenuti.